# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

It-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-2.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Jonathan Mercieca – Kunsillier

SKUŻATI:

Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 31.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Viċi Sindku Abigail Micallef u l-Kunsillier Horace Vella talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti u dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

31.3.1 Is-Sindku beda billi għarraf lill-membri illi hemm xi ħsarat fit-triq fejn il-Kappella tal-Lunzjata. Peress li dan jagħmel mal-konfini tar-Rabat, għarrafna lilhom sabiex jieħdu azzjoni.

3.3.2 Il-Kunsill Lokali talab lil sid id-dar li tinsab fi Pjazza Salvatore Busuttil kantuniera ma' Triq San Girgor, sabiex juri li m'hemmx periklu wara li daħlu lmenti li l-ħajt ta' din ir-residenza jidher li ser jaqa' u jista' jkun ta' periklu għal min ikun għaddej. Is-sid ippreżenta rapport mill-Perit li jgħid *'Interim structural support has been provided to mitigate risk and maintain stability until the necessary approvals for dangerous structure classification and remedial works are obtained'.*

31.3.3 Is-Sindku qal li ser nippruvaw nitkellmu mal-ERA dwar jekk hux possibbli nirrilokawhom għal post ieħor. Dan peress li dawn is-siġar jikbru ħafna, qed jaqilgħu il-bankina u jħammġu ħafna taħthom. Huwa ssuġġerixxa ukoll li ssir pjata ta' kif tista' ssir il-bankina biex jekk ikun hemm xi skema nkunu nistgħu napplikaw għall-fondi.

31.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi daħlet persuna ġdida fuq l-iskema tal-CWS. Din qed tieħu ħsieb it-tindif tal-bus stop, tal-berġa, tal-librerija u t-toilet ta' Ġnien il-Familja. Wara li rċevejna li hemm possibilta' ta' opportunita' ta' ġemellaġġ jew koperazzjoni mal-belt ta' Jericho, is-Sindku ssuġġerrixxa li nibgħatu l-interess tagħna. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

31.3.5 Is-SE spjegat kif il-GRDA qed jippruvaw iddaħħlu xi Kunsilli Lokali bħala partners fil-proġett AMIGOS. Hija qalet li ssuġġeriet li nkunu nistgħu indaħħlu l-proġett ta' Qasam San Ġorġ bħala parti minn AMIGOS u wara diskussjoni mal-GRDA, ser nistennew mingħandhom biex naraw kif ser jimxi l-proġett.

31.3.6 Is-SE infurmat illi erġajna bagħtna ittra uffiċjali oħra lil Russlan Cilia peress li ma lestiex ix-xogħol fuq is-CCTVs. Il-Kunsill Lokali qabel li mmexxu bil-proċeduri tal-Qorti kif hemm bżonn sabiex jew isiru, jew inkella, jagħmilhom il-Kunsill u Cilia

jħallas l-ispejjeż involuti.

31.3.7 Wara li waqgħet parti mit-triq f'Qasam San Ġorġ, is-Sindku qal li qed jieħdu ħsiebu minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar.

31.3.8 L-iskola Santa Tereża talbu sabiex iħawwlu siġra u tlabnihom iħawwlu waħda taċ-ċipress minflok waħda li mietet fi Ġnien il-Familja.

31.3.9 Ġiet ippreżentata l-kwotazzjoni ta' Ricky Buġeja ta' Eur2,100 sabiex isir clip professjonali fuq ir-raħal ta' Kerċem u Santa Luċija li jista' jintuża bħala materjal promozzjonali għar-raħal tagħna. Sar qbil li nagħmluh.

31.3.10 Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li għaddew irċevejna email mingħand il-CWS illi l-ħaddiem tagħna Sammy Attard ser jitlaq minn magħna. Is-Sindku stqarr illi minkejja l-kuntratt li l-KL kien iffirma mal-AKL, fejn hemm klawżola ċara illi persuna ma tistax titlaq mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, din is-sitwazzjoni qed terġa' tiġi ripetuta għat-tielet darba. Wara dan kollu nfurmajna lis-Sur Mario Fava, President tal-AKL, li ħareġ bis-sħiħ kontra dan li qed isir minn naħa tal-CWS.

31.3.11 Ir-Reġjun t'Għawdex infurmana illi għadu kemm ordna t-telescopes li ilna naħdmu għalihom. Dawn ser jitqassmu wieħed f'kull lokalita' t'Għawdex.

31.3.12 Intbagħtet email minn naħa tal-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex dawk il-Kunsilli li ġarrbu ħsarat estensivi wara Storm Harry, ikunu jistgħu japplikaw għall-fondi sabiex jitranġaw l-istess ħsarat. Il-Kunsill Lokali qabel li fir-raħal tagħna ma kellniex ħsarat.

## 31.4 RENEW Project

Is-SE spjegat li qed jitfassal il-programm sabiex inkunu nistgħu intellgħu kemm il-konferenza u anke nqassmu l-bqija tal-granet. L-akkomodazzjoni ser tkun ġewwa l-Cornucopia Hotel. Ser nagħmlu t-tinda fuq l-Għadira għal waħda mis-serati u nagħmlu entertainment taħtha. Għall-ġurnata tal-konferenza qed nitkellmu ma' xi professjonisti sabiex ikunu jistgħu jitkellmu dwar l-enerġija rinovabbli.

## 31.5 Festa San Girgor 2026

Kif kien diġa ġie diskuss qabel, irid isir it-tindif is-Sibt filgħaxija u tingħalaq it-triq għat-trakkijiet is-Sibt 7 ta' Marzu.

## 31.6 Ħruġ mill-ġdid tal-offerta għall-akkwist ta' trakk

Peress li l-offerta preċedenti kellha tiġi kkanċellata, il-Kunsill Lokali qabel illi għandha terġa' toħroġ. Hawnhekk, is-SE infurmat lill-membri illi l-offerta tas-skid loader ġiet approvata mill-bord tal-evalwazzjoni u l-Kunsill qabel ma' dan.

## 31.7 Ħruġ ta’ offerta għal Street Lighting Repairs

Is-Sindku qal li għandna noħorġu offerta għat-tranġar tad-dawl tat-toroq. Importanti li waħda mill-klawżoli tkun li bozza għandha titranġa fi żmien erbgħat ijiem minn meta tiġi rrapportata u l-kuntrattur għandu javża l-Kunsill malli jirranġa l-bozza. Kulħadd qabel ma’ dan.

## 31.8 Attivita’ ‘Għad-Dell tal-Akwadott’ b’kollaborazzjoni mal-Għaqdiet tar-raħal

Is-Sindku qal li jixtieq li bħala Kunsill Lokali nerġgħu nippruvaw intellgħu din l-attivita’ u nippruvaw li kull għaqda jkollha responsabbilta’ minn parti mill-attivita’. Ser niddiskutu ftit x’jista’ jsir u kif għandha titqassam.

## 31.9 Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi d-Dipartiment qed jitlob illi l-Kunsill Lokali jerġa’ japprova Deputat SE. Is-SE tkellmet mal-Assistant Principal tal-Kunsill, Oliver Farrugia, u dan aċċetta l-kariga. Il-Kunsill approva dan ukoll.

## 31.10 Ilmenti u Suġġerimenti

31.10.1 Saret talba mis-sid ta’ Quale Apartments, fi Triq l-Avukat Anton Calleja, sabiex il-Kunsill Lokali jiddikjara li ma saritx ħsara lit-triq sakemm kien għaddej ix-xogħol ta’ bini f’dan is-sit. Il-Kunsill Lokali ddikjara li ħsara ma saritx.

31.10.2 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab dan li ġej:

- Li titranġa bankina fi Triq Għajn Abdun. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
- Li jitranġa ħajt fi Triq San Niklaw peress li waqa’. Ġie deċiż li nibgħatu lill-ħaddiem tal-Kunsill.
- Li jitranġa ħajt fuq l-iżnied. Dan ser jirranġawh il-ħaddiema tal-Kunsill.

## 31.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 31.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.15pm u ġiet aġġornata għas-16 ta’ Marzu 2026, fis-2pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv